**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 50/04**

**Illum: 24 ta' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Gaspare Delia**
**(ID 262967(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Gaspare Delia ta' 35 sena, iben Carmenu u Maria nee` Scerri, imwieled Ħaż-Żabbar nhar it-28 ta' Ġunju 1967, residenti fil-fond 'Saverio', Triq Felice, Żabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 262967(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-17 ta' April 2002, u f'dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data, ġo Ħaż-Żabbar u partijiet oħra f'dawn il-Gżejjer:

a) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu[1];

[1] Din l-imputazzjoni ġiet korretta fuq talba tal-Prosekuzzjoni tat-3 ta' Lulju 2013 (ara a fol. 21 tal-proċess).

b) Ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkultiva l-pjanta *cannabis* u dan bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) U wkoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew ġewwa ċentru, u/jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2016, il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni (ċ) u ċioe` l-aggravju tad-distanza;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, l-imputat qed jiġi akkużat bil-pussess aggravat tal-pjanta *cannabis*, kif ukoll bil-kultivazzjoni tal-istess pjanta, liema imputazzjonijiet jirreferu għas-17 ta' April 2002 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data.

Jirriżulta mill-atti tal-kawża illi f'dan il-każ kienet saret inkjesta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Noel Cuschieri, f'liema stadju ġew nominati PC 1525 Patrick Farrugia u PC 1261 Charles Pace bħala *Scene of the Crime Officers*, kif ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku.

Mir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia[2], jirriżulta illi huwa kien aċċeda ġewwa l-fond 17, Triq Felice, Żabbar fil-jum in kwistjoni, għall-ħabta tas-7:00 p.m., fil-presenza tal-imputat, mil-liema fond kienu ġew elevati diversi oġġetti relatati mad-droga u ċioe` i) tliet qsari kontenenti tliet pjanti mħawwla fil-ħamrija li ġew elevati minn ġewwa l-ġnien tal-fond; ii) kwantita` ta' ħaxix imnixxef elevat mill-kamra tal-imputat odjern; iii) żewġ żerriegħat elevati minn ġewwa l-plattin ta' Dok. 02BAC 204

[2] Din tinsab esebita a fol. 33 tal-proċess, formanti parti mill-proċess verbal li jinsab esebit a fol. 26 tal-proċess.

(u ċioe` miżien); iv) miżien tal-marka KOLOGN elevat minn ġewwa l-kamra tal-imputat; v) żewġ pipi tal-metall elevati mill-kamra tal-imputat; vi) pakkett lubretti tal-makra 'El Quinto' elevati minn ġewwa l-kamra tal-imputat; vii) żewġ *roaches* elevati minn ġewwa *dustbin* mdendel mal-ħajt fejn il-bieb tal-kamra tal-imputat u viii) borża ħaxixa mnixxef kkonsenjata mill-Ispettur Josric Mifsud. Skont l-istess relazzjoni, dawn l-oġġetti ġew ikkonsenjati lill-Ispiżjar Mario Mifsud għall-analiżi tiegħu. L-oġġetti hekk elevati jidhru fir-ritratti esebiti minn PC 1261 Charles Pace bħala parti mir-relazzjoni tiegħu, liema ritratti ttieħdu fil-jum in kwistjoni fl-istess residenza.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu:

i) Tlett *envelopes* tal-Gvern ta' Malta li ġo fihom kien hemm tliet xtieli;

ii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm il-kliem "*202, kwantita ta' haxix mnixxef elevat minn gewwa l-kamra ta' Rino Delia 262967(M) – Rino Delia*". F'dan l-*envelope* kien hemm borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm kwantita` ta' ħaxix aħdar imfarrak;

iii) Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit 2 zerrieghat elevati minn plattin tal-mizien, Exhibit Identity Mark, I Identify this as 203, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'din il-borża kien hemm żewġ żerriegħat tal-*cannabis*;

iv) Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit Mizien tal-marka Kalogn tal-lewn abjad, Exhibit Identity Mark, I Identify this as 204, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'din il-borża kien hemm miżien ta' lewn abjad tal-marka "Kologn";

v) Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Żewġ pipi tal-metall, *Exhibit Identity Mark, I Identify this as 205, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'din il-borża kien hemm żewġ pipi ornamentali tal-metall;

vi) Borża tal-plastik trasparenti li fuq barra tagħha kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit*

[3] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 38 tal-proċess, fil-waqt illi r-ritratti jinsabu esebiti a fol. 43 tal-proċess.

Pakkett lubretti tal-marka 'El Quinto', *Exhibit Identity Mark, I Identify this as 206, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'din il-borża kien hemm pakkett ta' lewn aħdar ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka 'El Quinto';

vii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuq barra tiegħu kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Żewġ *roaches* elevati minn 'dustbin', *Exhibit Identity Mark, I Identify this as 207, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'dan l-*envelope* kien hemm speċi ta' żewġ loqmiet tas-sigaretti;

viii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuq barra tiegħu kien hemm *label* bajda bil-kliema "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Borza haxix mnixxef ikkonsenjat mill-Ispettur J. Mifsud, *Exhibit Identity Mark, I Identify this as 208, Signature(s), Court Exhibit No., laboratory Ref:*". F'dan l-*envelope* kien hemm borża tal-karti bajda li ġo fiha kien hemm kwantita` ta' ħaxix aħdar imfarrak.

Mir-riżultati miksuba, l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Li żewġ żerriegħat tal-*cannabis* (indikati fil-paragrafu iii iżjed 'il fuq) ma kinux ġerminabbli;

b) Li ma nstabux sustanzi llegali fuq il-miżien (indikat fil-paragrafu iv), f'waħda mill-pipi (indikata fil-paragrafu v) u f'wieħed mis-speċi ta' loqom tas-sigarett (indikat fil-paragrafu vii);

c) Li nstabu traċċi tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* f'waħda mill-pipi (indikata fil-paragrafu v) u f'waħda mis-speċi ta' loqma ta' sigarett (indikat fil-paragrafu vii);

d) Li fix-xtieli ħodor (indikati fil-paragrafu i) u l-ħaxix imfarrak (indikat fil-paragrafi ii u viii), instabu fuqhom it-*trichomes*. It-*trichomes* huma fattizzi li jkun hemm fuq il-weraq tal-pjanta tal-*cannabis*;

e) Li fix-xtieli ħodor (indikat fil-paragrafu i) u l-ħaxix imfarrak (indikat fil-paragrafi ii u viii), f'ammont nett totali ta' 11.055 grammi, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Din is-sustanza, li tinsab fil-pjanta tal-*cannabis,* hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont l-istess relazzjoni, il-piż rispettiv tat-tliet xtieli kien ta’ 0.478 grammi, 1.518 grammi u 0.578 grammi.

Mix-xhieda ta’ PC 1473 Simon Deguara, jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, flimkien ma’ PC 451 Aaron Bugeja, huwa kien wettaq tfittxija fil-fond bl-isem ‘Saverio’, Triq Felice, Żabbar, fejn kien hemm Gaspare Delia. Jgħid illi waqt din it-tfittxija, instabu tliet pjanti suspettati pjanti tal-*cannabis* u affarijiet oħrajn relatati mad-droga, fosthom żerriegħa. Ma jiftakarx jekk l-imputat kienx waħdu fir-residenza jew kienx hemm ħaddieħor jirrisjedi hemmhekk.[4]

PC 451 Aaron Bugeja xehed illi l-Ispettur Josric Mifsud kien bagħthom sabiex jagħmlu xi osservazzjonijiet ġewwa Ħaż-Żabbar, kienu sabu lil Gaspare Delia ossia lill-imputat odjern u pulizija oħrajn kienu sabu xi pakkett fuqu. Minn tfittxija li saret fir-residenza tiegħu ġewwa Triq Felice, Żabbar, flimkien ma’ PC 1473 u x’aktarx PS 368, instabu tliet pjanti, miżien u xi żerriegħa tal-pjanta *cannabis*, apparti li kien hemm ukoll xi *cannabis* imnixxfa.[5] In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi b’kollox kien hemm tliet xtieli, f’iżjed minn qasrija waħda.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-atti illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija eżekuttiva nhar it-18 ta’ April 2002, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta’ Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta’ Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F’dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta’ Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta’ Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta’ Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta’ Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta’ Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta’ Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi “*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic*

[4] A fol. 65 sa 67 tal-proċess.
[5] A fol. 71 sa 75 tal-proċess.

*restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali iżjed riċenti fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-

assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

M'hemmx dubju illi nhar is-17 ta' April 2002, fir-residenza tal-imputat instabu tliet pjanti tal-*cannabis*, ħaxix imnixxef li wkoll jirriżulta li kien jikkontjeni s-sustanza

*Tetrahydrocannabinol* u oġġetti oħrajn relatati mad-droga, xi wħud minnhom ukoll kontenenti traċċi tal-imsemmija sustanza. Mir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia jirriżulta illi l-oġġetti kollha relatati mad-droga, inkluż il-ħaxix imnixxef, instabu fil-kamra tal-imputat ġewwa l-istess residenza, għajr għall-pakkett bil-ħaxix imnixxef, li skont PC 1525, ġie mgħoddi lilu mill-Ispettur Josric Mifsud. Mill-atti tal-proċess verbal tal-inkjesta jirriżulta illi l-imputat ġie arrestat meta kien qiegħed viċin il-*playing fields* ta' Ħaż-Żabbar u li fil-pussess tiegħu nstabet sustanza suspettata *cannabis*. Biss la l-Ispettur Mifsud u wisq inqas il-pulizija li sabu dan il-pakkett fil-pussess tal-imputat ma xehdu f'dawn il-proċeduri dwar din is-sejba. Effettivament, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija limitata għal dak li nstab fir-residenza tal-imputat. Biss kif ingħad iżjed 'il fuq, in kwantu għajr għall-pjanti, l-oġġetti kollha ġew elevati mill-kamra tal-imputat, il-Qorti m'għandhiex dubju illi kemm l-istess oġġetti, kif ukoll l-istess pjanti kienu jappartjenu lilu, kif m'għandhiex dubju wkoll illi l-istess pjanti, in kwantu kienu miżrugħa ġo qsari bil-ħamrija u miżmuma fil-ġnien tar-residenza u meqjus ukoll illi fil-kamra tal-imputat instabu żewġ żerriegħa tal-*cannabis*, kienu qegħdin jiġu kultivati mill-istess imputat. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg**:

"*Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

Irid jingħad ukoll illi f'dan il-każ u kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża m'hijiex tikkontesta l-pussess tal-pjanti u tal-ħaxix (jew l-oġġetti) in kwistjoni, iżda biss il-pussess aggravat tal-istess ai termini tal-imputazzjoni (a). F'dan ir-rigward, id-difiża tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispiżjar Mario Mifsud, b'mod partikolari għall-piż tal-pjanti u tal-ħaxix niexef misjub fil-pussess tal-imputat u għall-fatt illi ma nstabux traċċi ta' droga fuq il-miżien elevat mill-kamra tal-istess imputat. Il-Qorti tinnota illi mill-atti jirriżulta illi mill-kamra tal-imputat ġew elevati wkoll żewġ pipi, waħda mil-liema kienet tikkontjeni traċċi tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, liema traċċi nstabu wkoll f'loqma ta' sigarett li nstab f'*dustbin* imdendel barra l-istess kamra. Fil-kamra nstab ukoll pakkett tal-karti tal-brim. Dawn huma lkoll ċirkostanzi li juru l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis*. Tqis ukoll

in oltre il-piż tal-ħaxix niexef li nstab fil-pussess tal-imputat, id-daqs żgħir tal-pjanti in kwistjoni u l-piż tal-weraq tagħhom, u illi kif tgħid id-difiża, fuq il-miżien, ma nstabux traċċi ta' droga, iżda biss żewġ żerrigħat li ma kinux ġerminabbli. Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni ressqet prova, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-pussess tad-droga kien wieħed aggravat ossia illi tali droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat. Għaldaqstant, in kwantu l-imputazzjoni (a), il-Qorti qed issib lill-imputat ħati biss tal-pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, fil-waqt illi tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iżjed 'il fuq, qed issibu ħati wkoll tal-imputazzjoni (b) ossia tal-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis.*

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ħsara involontarja u reat kontravvenzjonali, liema reati jirrisalu għas-sena 2002 u dwar liema l-imputat ġie kkundannat għal pieni pekunjarji.

Qieset ukoll fir-rigward tax-xtieli misjuba fil-pussess tal-imputat, illi dawn kienu jammontaw għal tlieta, kif jirriżulta ċar mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud u li tali xtieli kienu lkoll żgħar, tant li l-weraq tal-ikbar xitla kellu piż ta' 1.518 grammi. Fix-xhieda tiegħu, PC 451 jirreferi għal tliet xtieli u għal iżjed minn qasrija waħda u dan waqt li jagħmel referenza wkoll għar-ritratti esebiti fl-atti. In oltre fir-relazzjoni tiegħu, PC 1525 ukoll jirreferi għal tliet qsari kontenenti tliet pjanti mħawwla fil-ħamrija. Il-Qorti tinnota wkoll illi biss biss, ir-ritratti Dok. 02BAC 130 u 131 juru żewġ pjanti differenti. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija prekluża milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis ukoll għal fini ta' piena, illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2002 u illi m'hemmx dubju illi fil-maġġor parti tiegħu id-dilungar f'dawn il-proċeduri kien attribwibbli lill-Prosekuzzjoni, kif jirriżulta ampjament mill-atti proċesswali. Iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti f'Jannar 2004, il-kawża ġiet appuntata sabiex tibda tinstema' f'Mejju 2005 u l-imputat baqa' ma ġiex notifikat sakemm f'Diċembru 2006, il-kawża tħalliet *sine die*. F'Ottubru 2008, il-Prosekuzzjoni talbet li l-kawża terġa' tiġi appuntata, iżda reġgħet tħalliet *sine die* f'Jannar 2009. Kien biss fis-6 ta' Marzu 2013 wara li, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti reġgħet irriappuntat il-kawża illi l-imputat deher wara li ġie notifikat għall-ewwel darba. Fis-seduta ta' April 2013, l-Uffiċjal Prosekutur ma deherx u s-smiegħ tal-kawża beda f'Lulju 2013 sakemm finalment il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha f'Ottubru 2015.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi piena fil-minimu tkun waħda idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta, iżda qed issibu ħati biss tal-pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-*cannabis*, u qed issibu ħati wkoll tal-imputazzjoni (b) u qed tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Matla tista' tiġi mħallsa mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (ċ) stante li din ġiet irtiratha mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti m'hijiex qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-istess esperti kienu ġew nominati fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ u r-reati in kwistjoni seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost oħrajn gew inklużi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta.

Tordna d-distruzzjoni tal-pjanti, żerriegħa u l-oġġetti kollha esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat